MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 1869/2003

**Management Information Systems Limited**
**vs**
**Melitanet Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Settembru, 2003, fejn intalab il-hlas ta' elf tlett mija u tmienja u sebghin lira Maltija u hamsa u sittin centezmu (Lm1378.65), rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta bhala hlas ghal prodotti kkonsenjatu lis-socjeta` konvenuta u servizzi rezi lilha.**
**Minkejja nterpellata biex thallas, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti.**
**Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta nkluzi l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mal-avviz u bl-interessi sad-data tal-pagament.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fl-20 ta' Ottubru, 2003, fejn intqal :**
**i. Illi parti mill-ammont pretiz mis-socjeta` attrici rapprezentanti s-somma ta' elf lira Maltin (Lm1000) ghall-VOIP Gateway Modem mhuwiex dovut stante illi l-prodott mibjugh ma kienx tal-kwalita` patwita u b'konsegwenza ta' dan is-socjeta` konvenuta qieghda tirreka danni.**
**ii. Illi l-parti l-ohra ta' l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici, jigifieri s-somma ta' tlett mija u tmienja u sebghin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm378.65) mhuwiex dovut stante illi l-hin ikkalkulat tas-servizz tal-internet ma jirriflettix il-hin li fil-verita` gie uzat mill-eccipjenti.**
**iii. Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta` attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez, inkluzi l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru.**
**iv. salvi eccezzjonijiet ohra.**
**Semgha x-xhieda ta' Joseph Aquilina u Marcel Cassar. Ra l-affidavit ta' Joseph Camilleri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Is-socjeta' attrici qed titlob hlas ghal prodotti konsenjati u servizzi resi lis-socjeta' konvenuta.**
**2. Is-socjeta' konvenuta qieghda tghid illi parti mill-ammont pretiz, cioe' dak VIOP Gateway modem mhux dovut ghax il-prodott ma kienx tal-kwalita' pattwita' . Qed tghid ukoll li l-bilanc mhux dovut peress illi l-hin ikkalkulat tas-servizz ta' l-internet ma jirriflettix il-hin li fil-fatt kien gie wzat.**
**3. Joseph Aquilina Direttur tas-socjeta' attrici spjega illi s-socjeta' toffri servizz ta' VOIP u kienu s-suppliers u Melitanet kienu l-klijenti. Skond l-istess xhud is-socjeta' konvenuta kienet talbithom jipprovdu l-hardware biex joperaw il-VOIP fl-internet cafe u talbet ukoll « calling time, cioe' l-minuti li wiehed juza fuq il-VOIP ». L-istess xhud ighid illi huma ssupplixxew lis-socjeta' konvenuta b'dak li**

riedet u dan gie wzat ghal aktar minn xahar. L-istess Aquilina jghid li qatt ma rcevew ilment minghand is-socjeta' konvenuta u l-minuti kienu jinxtraw u baqghu jinxtraw minn zmien ghal zmien.

4. Aquilina nnota wkoll illi l-apparat ghadu ghand is-socjeta' konvenuta, u meta ntqal lilhom biex jiehdu l-apparat lura kienet gia nfethet il-kawza u ghalhekk is-socjeta' attrici ma accettatx li tiehdu lura.

5. Il-gateway modem huwa 16 port estendibbli ghal 32 port. Il-modem ghadu ghand is-socjeta' konvenuta kif ukoll pre-paid minutes.

6. Joseph Camilleri Direttur tas-socjeta' konvenuta spjega li l-istess socjeta' hija Internet Service Provider, ghandha survers taghha u tiehu s-servizz ta' broadband connectivity minghand is-socjeta' Data Stream li hi sussidjarja ta' Maltacom plc. Is-socjeta' konvenuta kienet xtrat is-surver partikolari minghand is-socjeta' attrici. Skond Joseph Camilleri huma riedu zewg modems kull wiehed b'8 ports u l-idea wara dan kienet illi jekk jieqaf modem wiehed ikun hemm wiehed ghadu ghaddej.

7. Dwar li riedu zewg rooters b'8 ports jinsab konfermat minn Marcel Cassar il-Financial Controller tas-socjeta' konvenuta.

8. Joseph Camilleri spjega illi l-minuti li jinxtraw ikollhom pin number u serial number biex cards ta' VOIP ta' socjetajiet ohra ma jkunux jistghu juzaw is-sistema taghhom. Camilleri jghid ukoll illi s-socjeta' attrici kienet sejhitlu ghall-laqgha peress illi sabu l-gateway surver li setgha jiehu s-software li kellha bzonn is-socjeta' konvenuta. Camilleri kien accetta illi jiehu gateway wiehed peress illi ghalih l-aktar importanti kien il-pin number u s-serial number li jkunu esklusivi. Ix-xhud ighid li kien jaf illi s-socjeta' attrici kienet tirrapprezenta lis-socjeta' Net 2 Phone u kien jaf li din toffri servizz tajjeb.

9. L-ilment ta' Camilleri kien illi nnota illi n-Net 2 Phone ma kellhix l-esklussivita' ghal Malta u sab li kien hawn operaturi ohra li jirrapprezentaw lin-Net 2 Phone, fosthom in-Netserve.

10. Camilleri nnota wkoll illi l-gateway modem kellu card minnhom ta' 8 ports li kienet difettuza. Ix-xhud

**ighid li ma tantx ta kaz dan peress illi xorta setgha joperaha peress illi minflok is-16 ports kien juza 8 ports, u kien imwieghed li l-card difettuza ser tinbidel. Camilleri lmenta li s-socjeta' attrici ma kellhiex nies professjonali biex jaghmlu dan. Sussegwentement jirrizulta illi Camilleri ghamel kuntatti man-Netserve li offrew li jipprovduh prodotti tan-Net 2 Phone bi prezz ta' 30% inqas mis-socjeta' attrici.**

**11. Ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta jallega illi l-hardware moghti lilu ma kienx kompatibbli ma' software ta' kumpaniji ohra u u ghalhekk kien ikun obbligat illi jahdem biss bil-minuti tan-Net 2 Phone, b'kull kundizzjoni u prezz li jigi mpost.**

**12. Ix-xhud Marcel Cassar jikkonferma dak kollu li qal Joe Camilleri.**

**13. It-Tribunal jinnota illi meta s-socjeta' konvenuta ghazlet li tixtri l-gateway surver imsemmi, dina kienet ghazla libera taghha u hi kien fi dmirha li tivverifika dwar il-kompatibilita' ta' l-istess modem ma' software iehor. Jirrizulta illi l-modem moghti mis-socjeta' attrici kien adatt ghall-iskop ta' VOIP li riedet is-socjeta' konvenuta. Il-fatt illi minn zewg gateways kien qed jahdem gateway wiehed biss u l-fatt li s-socjeta' attrici ma kienetx taf tirrimedja ghal tali nuqqas, huwa fattur rilevanti hafna peress illi s-socjeta' konvenuta riedet proprjament 16 ports biex jekk ifalli wiehed mill-8 port modems l-iehor jibqa' jahdem.**

**14. In oltre jirrizulta bic-car illi s-socjeta' konvenuta riedet esklusivita' billi kif gia spjegat bil-pin numbers u serial numbers tkun tista' tuzahom is-socjeta' taghha biss. Meta rrizulta illi l-atturi fil-fatt ma kellhomx din l-esklusivita' kien qed jinholoq pregudizzju serju ghall-iskopijiet tas-socjeta' konvenuta.**

**15. Fl-ahharnet jigi rilevat ukoll illi l-konnessjoni ma kienetx wahda mill-ahjar tant illi kienu jircevu diversi ilmenti minghand il-klijenti. Din il-problema kienet fil-kollegament. Ma jistax ma jigix rilevat illi s-socjeta' konvenuta kellha tirrisolvi hi l-problemi taghha permezz tat-teknici taghha peress illi s-socjeta' attrici ma setghetx tirrisolvi l-problemi hi.**

**Tenut ta' dan kollu ma hemmx lok illi t-talba ghal elf lira (Lm1,000) ghal VOIP gateway modem tigi milqugha. Mill-lat l-iehor, ghalkemm kif inghad kien hemm problemi fil-kollegament, ma jirrizultawx li ma ntuzax is-servizz ta' internet fis-somma ta' tlett mija tmienja u sebghin lira u hamsa u sittin centezmu (Lm378.65) u f'dan ir-rigward it-talba attrici ghandha tigi akkolta.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi qed jilqa' l-eccezzjoni rigwardanti l-VOIP gateway modem fis-sens li dan ma kienx tal-kwalita' pattwita' u konsegwentement jichad it-talba fir-rigward, qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' tlett mija tmienja u sebghin lira u hamsa u sittin centezmu (Lm378.65) ghal servizz ta' internet kif spejgat. Bl-imghaxjiiet legali dekorribbli mil-um sad-data tal-pagament effettiv.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta' din il-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partjiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------